



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 7.6.2013  
SWD(2013) 194 final

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI**

**SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT**

*Li jakkumpanja d-dokument*

**Proposta għal**

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jstabbilixxi dispożizzjonijiet għall-ġestjoni tan-nefqa fir-rigward tal-katina tal-ikel, is-saħħa tal-annimali u t-trattament xieraq tal-annimali, u fir-rigward tas-saħħa tal-pjanti u l-materjal riproduttiv tal-pjanti, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 98/56/KE, 2000/29/KE u 2008/90/KE, ir-Regolamenti (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 882/2004 u (KE) Nru 396/2005, id-Direttiva 2009/128/KE u r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 66/399/KEE, 76/894/KEE u 2009/470/KE**

{ COM(2013) 327 final }

{ SWD(2013) 195 final }

## 1: Kwistjonijiet proċedurali u konsultazzjoni tal-partijiet interessati

1. Għal għadd ta' snin, il-Kummissjoni, speċifikament id-DĠ għas-Saħħa u l-Konsumaturi, ilha taħdem fuq ir-reviżjoni tal-politika tal-UE għas-saħħa tal-annimali, it-trattament xieraq tal-annimali, is-saħħa tal-pjanti, il-materjal riproduttiv tal-pjanti, is-sikurezza tal-ikel u l-għalf, u l-kontrolli uffiċjali li jsostnu l-implimentazzjoni effettiva ta' dawn il-politiki (minn hawn 'il quddiem flimkien imsejħa "il-politika dwar is-sikurezza tal-ikel").
2. Il-baġit totali ta' EUR 1,891 biljun għall-2014-2020 (fi prezzijiet attwali) għall-qafas finanzjarju tas-sikurezza tal-ikel diġà ġie propost mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP). Għalhekk, din il-valutazzjoni tal-impatt hija maħsuba biex tqis l-impatti probabbli tal-alternattivi disponibbli għall-qafas finanzjarju.
3. Dan huwa maħsub li jkun il-livell proporzjonat tal-analiżi b'konformità mal-linji gwida tal-Kummissjoni dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt.

### *L-appoġġ għall-Valutazzjonijiet tal-Impatt u l-Konsultazzjonijiet*

4. Minħabba li l-erba' politiki kollha kienu qed jiġu riveduti għal xi żmien, dawn huma individwalment appoġġjati mill-valutazzjonijiet tal-impatt tagħhom stess.

## 2: Definizzjoni tal-problema

5. L-appoġġ finanzjarju tal-UE għas-sikurezza tal-ikel, is-saħħa tal-annimali, is-saħħa tal-pjanti u l-kontrolli uffiċjali, ġeneralment jittqies li jżid il-valur lil hinn mill-ammonti kkontribwiti u li jiffunzjona pjuttost tajjeb fil-format eżistenti tiegħu. Madankollu, ir-reviżjoni tal-QFP ġenerali u tal-politiki individwali tippreżenta opportunità biex jiġi eżaminat kif tista' titjieb aktar is-sitwazzjoni attwali, kif ukoll biex din tintrabat b'mod aktar effettiv mal-oġettivi tal-Kummissjoni u tal-UE, inklużi l-miri ta' Ewropa 2020.

### *Il-politika u l-qafas finanzjarju attwali*

6. Il-maġġoranza assoluta tal-attivitajiet kofinanzjati tal-UE għandhom il-bażi legali tagħhom f'waħda minn dawn it-tliet atti ta' leġiżlazzjoni: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/470/KE. Id-Direttiva 2000/29/KE; Ir-Regolament 882/2004.
7. Il-baġit għas-sikurezza tal-ikel tal-2011 kien ftit anqas minn EUR 314,6 miljun. Dan ġie allokat kif ġej: Programmi Veterinarji, 75 %; Is-Saħħa tal-Pjanti, 6,1 %; L-inizjattiva għal Taħriġ Imtejjeb għal Iżjed Sikurezza fl-Ikel (BTSF), 4,5 %; Il-Laboratorji ta' Referenza tal-UE (EURLs), 4,5 %; il-miżuri ta' emerġenza għas-saħħa tal-annimali, 3,2 %.

### *Identifikazzjoni tal-problema*

8. **Fattur 1:** Il-qafas legali attwali huwa kumpless wisq u xi kultant skadut.
  - Problemi:
    - Nuqqas ta' allinjament mal-QFP għall-2014-2020 li għadu kif ġie propost
    - Il-piżijiet amministrattivi potenzjali għall-Istati Membri biex iżommu ruħhom aġġornati u jikkonformaw b'mod sħiħ mar-rekwiżiti amministrattivi u ta' finanzjament.
9. Il-QFP il-ġdid se jressaq il-linja baġitarja "is-sikurezza tal-ikel" mill-Intestatura 2 tal-baġit globali tal-UE għall-Intestatura 3, li jrid jissejjaħ "Sigurtà u Ċittadinanza". Dan ifisser li l-bażi legali attwali għall-kontrolli finanzjarji u l-ġestjoni tal-finanzjament (ir-Regolament 1290/2005) mhux se tibqa' tkopri l-infiq għall-ikel u l-għalf. Barra minn hekk, jekk jinqalgħu emerġenzi eċċezzjonali li jeħtieġu appoġġ finanzjarju mill-UE, legalment mhu se jkun hemm l-ebda aċċess għar-"Riżerva għall-kriżijiet fis-settur agrikolu".
10. Id-diversi dispożizzjonijiet finanzjarji bħalissa jinsabu f'għadd ta' strumenti leġiżlattivi differenti. Dan fih innifsu jista' joħloq konfużjoni u jkun riġidu żżejjed għall-Istati Membri li jfittxu li jifhmu l-leġiżlazzjoni, kif ukoll joħloq piż amministrattiv assoċjat.

11. Hemm ukoll il-problema tal-leġiżlazzjoni settorjali li qed tinbidel. Jekk id-dispożizzjonijiet finanzjarji ma jinbidlux b'mod korrispondenti, dawn se jibqgħu mhux allinjati mal-objettivi u l-miżuri l-ġodda.
12. In-nuqqas attwali ta' ċarezza fir-rati ta' finanzjament joħloq inċertezza kbira għall-Istati Membri meta jkunu qed jippjanaw il-programmi.
13. **Fattur 2:** L-għodod tal-ġestjoni finanzjarja eżistenti mhumiex kompluti.
  - Problemi:
    - In-nuqqas ta' ċarezza fil-miżuri eliġibbli għall-finanzjament u l-ispejjeż tagħhom
    - L-arranġamenti amministrattivi kumplessi
    - L-allokazzjoni ineffiċjenti tar-riżorsi disponibbli.
14. Bħalissa, ħafna mill-arranġamenti amministrattivi biex jinkisbu l-approvazzjoni ta' programm u r-rimborż ta' finanzjament huma kumplessi wisq.
15. Id-dispożizzjonijiet finanzjarji attwali ma jstabilixxux l-aktar objettivi u indikaturi ċari u konsistenti, u għalhekk il-programmi ma jistgħux jiġu dejjem ivalutati u mtejbja b'mod konsistenti.
16. Id-definizzjoni ta' miżuri eliġibbli u l-ispejjeż assoċjati mhumiex daqshekk ċari u sempliċi kemm jistgħu jkunu. Il-miżuri eliġibbli u r-rati tal-finanzjament huma mifruxin fuq diversi regolamenti.
17. **Fattur 3:** L-għodod attwali mhumiex iffokati biżżejjed biex jiggarrantixxu l-ilħuq tal-objettivi għas-sikurezza tal-ikel.
  - Problemi:
    - L-implimentazzjoni subottimali ta' politiki individwali u r-riskju li ma jintlaħqux bis-sħiħ l-objettivi tal-politika globali.
18. Ir-rapporti u l-verifiki interni tad-DĠ għas-Saħħa u l-Konsumaturi, kif ukoll il-valutazzjonijiet tal-impatt imwettqa għall-oqsma ta' politika individwali, identifikaw għadd ta' kwistjonijiet li jistgħu jittejbja sabiex jappoġġjaw aħjar l-objettivi ta' politika (eż. il-prijoritizzazzjoni u l-kategorizzazzjoni tal-mard).

#### *Id-dritt u l-ġustifikazzjoni għal azzjoni mill-UE*

19. I-UE għandha d-dritt taġixxi f'dawn l-oqsma kollha, iżda ma għandhiex kompetenza esklussiva. I-Istati Membri huma wkoll liberi li jieħdu l-miżuri tagħhom, sakemm dawn ma jinterferixxux ma' Regolamenti oħra tal-UE.

#### *Test ta' neċessità - Għaliex dawn l-objettivi ma jistgħux jinkisbu mill-Istati Membri?*

20. Is-saħħa tajba tal-annimali, is-saħħa tal-pjanti u s-sikurezza tal-ikel u s-sikurezza tal-għalf huma ġid pubbliku b'benefiċċji soċjali estensivi. I-Istati Membri jridu jaġixxu flimkien biex jipprevjenu jew jikkontrollaw it-tixrid ta' mard jew pesti, bl-użu ta' miżuri ta' kontroll u ġestjoni simili jew identiċi. Il-koordinazzjoni fil-livell tal-UE tippermetti li jkun hemm azzjoni orħos u aktar effettiva fuq il-prijoritajiet tal-UE. L-imsieħba kummerċjali ta' pajjiżi terzi jistgħu jimplementaw ukoll restrizzjonijiet fuq importazzjonijiet mill-UE kollha kemm hi jekk problema ta' sikurezza fi Stat Membru ma tiġix eradikata kif xieraq.

#### *It-test b'valur miżjud - L-objettivi jistgħu jintlaħqu aħjar mill-UE?*

21. Il-valur miżjud speċifiku ta' finanzjament jew kofinanzjament tal-UE huwa li jipprovdi inċentivi lill-Istati Membri biex idañhlu fis-seħħ u jappoġġjaw l-azzjonijiet ta' eradikazzjoni u sorveljanza li huma fl-interess fit-tul tal-Unjoni kollha kemm hi. Hemm għadd ta' raġunijiet għalfejn I-UE tintervjeni biex tappoġġja t-titjib u s-sikurezza tal-ikel u l-għalf, bħal: telf ekonomiku dirett għall-operaturi, impatt indirett fuq il-kummerċ, theddid għas-saħħa pubblika.

### **3: Objettivi**

#### *L-Objettiv Ġenerali*

22. In-nefqa koperta minn dan ir-Regolament għandha timmira li tiżgura livell għoli ta' saħħa għall-bnedmin, l-annimali u l-pjanti tul il-katina alimentari u f'oqsma relatati u livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi u tal-ambjent filwaqt li tippermetti lill-industrija alimentari tal-UE topera f'ambjent li jiffavorixxi l-kompetittività u l-ħolqien tal-impjegji.

#### *Objettivi speċifiċi*

23. Li jiġi **stabbilit qafas legali sempliċi, ċar, trasparenti u modern** għall-ikel u l-għalf.

24. Li **jitjiebu l-implimentazzjoni u l-funzjonament tal-istrumenti ta' ġestjoni finanzjarja.**

25. Li jiġu **appoġġjati l-obettivi ta' politika stabbiliti fil-leġiżlazzjoni dwar l-għalf u l-ikel** permezz tad-distribuzzjoni effettiva u effiċjenti tal-baġit.

#### *Objettivi Operattivi*

26. Dawn huma appoġġjati minn objettivi operattivi addizzjonali u aktar fid-dettall.

### **4: Alternattivi ta' politika**

#### *Alternattiva 1: Xenarju bażi: L-ebda bidla*

27. L-ebda bidla tkun tinvolvi l-issoktar tas-sett eżistenti ta' strumenti leġiżlattivi li jirregolaw il-qafas finanzjarju. Dan ikun ifisser li l-programmi inizjalment jistgħu jibqgħu għaddejnin bħalissa, iżda mill-2014, ma jkun hemm l-ebda bażi legali għall-ġestjoni u l-kontroll tan-nefqa.

#### *Alternattiva 2: Il-leġiżlazzjoni eżistenti tinġabar fi strument leġiżlattiv wieħed.*

28. L-Alternattiva 2 teżamina jekk ikunx possibbli li jinżammu l-miżuri kollha eżistenti mill-leġiżlazzjoni eżistenti, u li jinġabru flimkien f'regolament wieħed.

#### *Alternattiva 3: Programm finanzjarju uniku u koerenti*

29. Subalternattiva 3(a): Li jiġi stabbilit programm finanzjarju uniku u koerenti, l-aktar bl-użu tad-dispożizzjonijiet finanzjarji eżistenti iżda b'xi titjib, partikolarment is-semplifikazzjoni.

30. Subalternattiva 3(b): Bħas-subalternattiva (a) iżda tinkludi l-introduzzjoni ta' aspetti tal-Iskemi ta' Qsim tar-Responsabbiltà u tal-Ispejjeż (CRSS) fir-regolament finanzjarju.

#### *Alternattiva 4: Titwaqqaf kull azzjoni tal-UE*

31. Hu teoretikament possibbli li jitwaqqfu d-dispożizzjonijiet finanzjarji kollha tal-UE li jikkontribwixxu lejn is-sikurezza tal-ikel u l-għalf, u jirrikjedu li l-Istati Membri jiffinanzjaw il-programmi u l-attivitajiet tagħhom stess.

### **5: Analiżi tal-impatti**

32. Billi dan huwa strettament regolament finanzjarju, kull alternattiva se tiġi analizzata skont l-impatt tagħha b'rabta mal-problemi ewlenin u l-objettivi speċifiċi identifikati fil-valutazzjoni:

- L-impatti amministrattivi u legali
- L-impatti finanzjarji u ta' ġestjoni
- L-impatti fuq l-objettivi għas-sikurezza tal-ikel

#### *Alternattiva 1: Xenarju bażi: L-ebda bidla*

33. Sal-bidu tal-2014, il-qafas attwali mhux se jkun legalment konsistenti mal-QFP il-ġdid. Is-sistema mhu se jkollha l-ebda bażi legali speċifika għall-ġestjoni jew għall-kontrolli finanzjarji.

34. Mingħajr aċċess għar-riżerva tal-kriżijiet, l-Istati Membri jitħallew ifendu għal rashom fil-konfront ta' emerġenzi eċċezzjonalment kbar, kif ukoll tal-problemi assoċjati possibbli tas-sikurezza tal-ikel, is-saħħa pubblika u s-sikurezza tal-ikel. Fil-klima ekonomika ta' bħalissa, l-Istati Membri mistennija jintlaqtu aktar ħażin mis-soltu.

35. Li titkompla s-sistema attwali jkun ifisser li ma jiġux riformati r-rekwiżiti għal evalwazzjoni aħjar u li ma jkunx hemm il-mezzi biex jiġu mmodifikati l-programmi biex isiru aktar effettivi, u

għalhekk inevitabbilment jissoktaw il-programmi subottimali u forsi ineffettivi. Iż-żieda fil-mard tal-bhejjem u tal-pjanti, u l-impatti korrispondenti fuq is-sikurezza tal-ikel, is-saħħa pubblika u s-sigurtà tal-ikel, x'aktarx li fl-aħħar mill-aħħar tkun tiswa ħafna iżjed għall-baġits pubbliċi.

36. L-emendi għad-dispożizzjonijiet legali meħtieġa mir-rieżamijiet tal-politika settorjali ma jsirux. Dan jaffettwa l-possibbiltà li jintlaħqu l-oġettivi ta' dawk ir-rieżamijiet, u jgħib miegħu riskju ta' żieda kbira fil-problemi marbuta mas-saħħa tal-pjanti u tal-annimali.

*Alternattiva 2: Il-leġiżlazzjoni eżistenti tinġabar fi strument leġiżlattiv wieħed.*

37. Din l-alternattiva għandha l-potenzjal li tilħaq l-oġettiv 1 kif identifikat fit-taqsim 3, billi tippromwovi s-semplikità u tteġġeg fehim aħjar tal-leġiżlazzjoni, iżda ma tissodisfa l-ebda wieħed miż-żewġ oġettivi l-oħra identifikati. Barra minn hekk, din ma tindirizza l-ebda nuqqas jew kwistjoni identifikata.

*Alternattiva 3 (a): Jiġi stabbilit programm finanzjarju uniku u koerenti, l-aktar bl-użu tad-dispożizzjonijiet finanzjarji eżistenti iżda b'xi titjib*

38. Ir-rati ta' finanzjament jiġu ssemplifikati biex jipprovdu biss tliet rati standard differenti. Dan għandu jipprovdi aktar trasparenza u konsistenza bejn il-miżuri tal-UE. It-tneħħija tal-possibbiltà tal-miżuri ta' finanzjament b'valur ta' inqas minn EUR 50 000 telimina piż amministrattiv sproporzjonat kemm għall-Kummissjoni kif ukoll għall-Istati Membri.
39. L-appoġġ finanzjarju għas-saħħa tal-pjanti huwa propost li jiġi allinjat aktar bil-qawwa mas-saħħa tal-annimali fir-rigward tal-proċeduri u l-proċessi. Dan jintroduċi wkoll il-possibbiltà ta' semplifikazzjoni tal-amministrazzjoni kemm fil-Kummissjoni kif ukoll fl-Istati Membri.
40. Ir-rekwiżiti legali għall-proċessi biex jiġu approvati u rimborżati l-programmi fil-Programmi Veterinarji u l-miżuri ta' emerġenza jkunu semplifikati. Dan se jnaqqas b'mod sinifikanti l-piż amministrattiv f'termini tal-ħin tal-persunal fil-Kummissjoni u fl-Istati Membri u x'aktarx ukoll li jħaffef il-pagamenti lill-Istati Membri.
41. L-għodod ta' ġestjoni finanzjarja se jitjebu taħt din ir-riforma. Billi jiffissaw oġettivi u indikaturi aktar ċari għall-programmi, u jsegwu l-evalwazzjonijiet aktar fil-fond, il-miżuri veterinarji u tal-pjanti x'aktarx li jkunu ferm aktar effettivi.
42. Ir-rieżami tar-Regolament dwar il-kontrolli uffiċjali tal-ikel u l-għalf se jsaħħaħ il-bażi legali tal-inizjattiva BTSF, jagħmel il-kamp ta' applikazzjoni tagħha aktar koerenti u jtejjeb l-effiċjenza u l-effettività tagħha.
43. L-Alternattiva 3a se tappoġġja aħjar l-ilħuq tal-oġettivi tas-saħħa tal-pjanti meta mqabbla mal-alternattiva bażi. Pereżempju, bħalissa s-saħħa tal-pjanti mhijiex koperta mill-EURLs, u l-laboratorji tas-saħħa tal-pjanti attwalment mhumiex akkreditati.

*Alternattiva 3 (b): L-introduzzjoni ta' aspetti tal-iskemi ta' Qsim tal-Ispejjeż u tar-Responsabbiltà (CRSS).*

44. Bħala żvilupp tal-Alternattiva 3(a), l-impatti diġà deskritti għal dik l-alternattiva politika jistgħu fil-biċċa l-kbira jinżammu waqt il-valutazzjoni tal-Alternattiva 3(b). L-element tas-CRSS addizzjonali introdott b'din l-alternattiva jew jinvolvi impatti addizzjonali jew jimmodifika r-riżultati mistennija tal-Alternattiva 3(a).
45. Il-probabbiltà li s-CRSS ikunu aċċettabbli għall-Istati Membri u għall-partijiet interessati hija żgħira. L-introduzzjoni ta' sistema tas-CRSS ittellef l-oġettivi ta' ċarezza u sempliċità. Barra minn hekk, il-klima finanzjarja attwali tagħmilha aktar diffiċli politikament u kulturalment għall-Istati Membri u għall-partijiet interessati li jaċċettaw sehem akbar tal-piż finanzjarju, anki jekk il-piż ġenerali kkawżat minn tfaqqiġh u pesti jonqos fuq medda twila ta' żmien.

*Alternattiva 4: Titwaqqaf kull Azzjoni tal-UE*

46. Din l-alternattiva ġiet skartata mingħajr ma ġiet analizzata f'dettall kbir. Huwa evidenti li din ma tissodisfa l-ebda wieħed mill-oġettivi stabbiliti fit-Taqsim 3.
47. Huwa improbabli li l-Istati Membri jkomplu jiffinanzjaw il-programmi ta' qerda waħidhom; speċjalment fil-klima ekonomika attwali. Dan jirriskja li jipperikola l-kisbiet tal-investimenti li jkunu diġà saru.

## 6: Tqabbil tal-alternattivi

48. L-Alternattiva 3(a) hija l-añjar triq 'il quddiem. Hija l-unika alternattiva sabiex jintlaħqu t-tliet objettivi kollha, u bi ftiit (jekk hemm) impatti negattivi.

49. L-Alternattiva 3(b) għalissa għiet miċħuda. Madankollu, fil-ġejjieni, b'ambjent mibdul, din tista' toffri l-aktar soluzzjoni xierqa għal ħafna mill-problemi aktar mifruxa u li dejjem jinbidlu, marbuta mas-saħħa tal-annimali u tal-pjanti, u tista' tiġi eżaminata mill-ġdid.

### Valutazzjoni komparattiva tal-impatti

	<b>Alternattiva 3(a)</b>	<b>Alternattiva 3(b)</b>
<b>Il-kisba tal-objettivi legali u amministrattivi</b>	+	-
	It-tnaqqis tal-piż amministrattiv fuq l-AP u s-settur privat	Piż amministrattiv addizzjonali fuq l-Istati Membri u s-settur privat (fuq żmien qasir)
<b>L-ottimizzazzjoni tal-għodod ta' ġestjoni finanzjarja</b>	+	-/+
	Effiċenzja akbar: <ul style="list-style-type: none"> <li>• objettivi u indikaturi aktar ċari</li> <li>• sostenibbiltà fuq medda itwal ta' żmien</li> </ul>	Fuq żmien qasir: tnaqqis (possibbli) fl-effiċjenza: <ul style="list-style-type: none"> <li>• żmien meħtieġ biex wieħed jiffamiljarizza ruħu mas-sistema l-ġdida</li> <li>• in-nuqqas ta' aċċettabiltà kemm fl-Istati Membri u kif ukoll fis-settur privat</li> </ul>
		+
		Fuq medda twila ta' żmien: Effiċenzja akbar
<b>L-appoġġ biex jintlaħqu l-objettivi tal-ikel u l-għalf</b>	+	++
	Effettività akbar: <ul style="list-style-type: none"> <li>• konsistenza mtejbja fost il-politiki tal-UE u mal-impenji internazzjonali</li> </ul>	Effettività akbar: <ul style="list-style-type: none"> <li>• inċentivi addizzjonali lejn il-prevenzjoni u l-eradikazzjoni</li> </ul>

## 7: Monitoraġġ u evalwazzjoni

50. Evalwazzjoni u rapport ta' evalwazzjoni *ex-post* huma previsti, u ġew żviluppati indikaturi għall-objettivi. Ir-riżultati tal-evalwazzjonijiet se jiġu kkomunikati kif xieraq.